MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Numru 237/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Joseph Bezzina ta’ 19 il-sena iben Leonard u Rita mitwielda Sciberras, imwieled il-Pieta fis-7 ta’ Gunju 1983, u residenti fil-fond; 18, Triq Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra, Hal-Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 308983(M).**

**Marvin Bezzina ta’ 22 sena iben Leonard u Rita mitwielda Sciberras, mwieled il-Pieta fit-22 ta’ Settembru 1980, u residenti fil-fond 18, Triq Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra, Hal-Luqa, detentur tal-karta tal-identita’ numru; 436580(M)**

**Illum 3 ta’ Frar, 2006**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Joseph Bezzina u Marvin Bezzina u cioe’ talli (1) nhar il-Gimgha 7 ta’ Marzu 2003, ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ bil-lejl , gewwa l-Bocci Club ta’ Hal-Luqa, volontarjament ikkagunaw offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Brian Dimech skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD ta’ l-Isptar San Luqa.

(2) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Misrah iz-Zaghzagh f’Hal-Luqa, kisru l-paci u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

Rat li huma ma l-interrogatorju wiegbu li ma kienux hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali li fuqhom hemmhsieb li tista tinstab htija u cioe’:

l-artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ malta.

Rat ukoll li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Illi din il-kawza tikkoncerna glieda u nqalghet bejn l-ahwa akkuzati Bezzina u l-allegat vittma Brian Dimech. L-akkuzati t-tnejn nnegaw fl-istqarrija minnhom rilaxxata li huma b’xi mod wegghu lil Dimech. Anzi Marvin Bezzina jghid illi Dimech laqghet it-tazza tal-ko-akkuzat u b’hekk qata idu. Jghid li ma jafx kif saru l-griehi f’wicc Dimech ghax it-tazza f’idu nfaqghet.

Minn naha tieghu Joseph Bezzina wkoll nnega li hu qatt ikkaguna xi griehi f’wicc Dimech. Jghid ukoll bhal huh lilli Dimechkellu tazza f’idu u meta xejjer idejh, faqa din it-tazz f’idejh.

Ta’ min jinnota ukoll li dawn l-ahwa Bezzina sahansitra tant jaqblu li wiegbu kelma b’kelma ghal dak li gew mistoqsijin, dan dwar kif Dimech spicca weggha idejh.

Dan huwa ovvju jekk wiehed jaqra l-istqarrija minnhyom rilaxxata, tant li kwazi kwazi tidher u tinhass bhala versjoni kemm xejn studjata.

Xehdu wkoll kemm Brian Dimech u l-gharusa tieghu Anna Marie Borg.

Dimech irrakkonta kif hu kien qed jixrob ma l-gharusa tieghu, habib tieghu certu Claude Mizzi u tifel ta’ ghaxar snin u Joseph Bezzina u huh, anzi Marvin, l-ewwel, marru ghas-sodisfazzjoni talli Dimech fi grantet precedenti kellu argument ma Gharbi habib ta’ Joseph Bezzina.

Kien hawn skond Dimech li Marvin Bezzina tah daqqa ta’ tazza go wiccu, anzi fi kliemu faqalu tazza go wiccu, mentri Joseph Bezzina tah daqqa ta’ flixkun fuq wara.

Il-versjoni ta’ Brian hija kompletament fis-sustanxa korroborata mill-gharusa tieghu Anne Marie Borg li b’mod kategoriku rrankontat kif hi flimkien ma Dimech, Mizzi u n-neputi kienu qeghdin jixorbu l-klabb tal-bandli, marru l-akkuzati, avvicinaw il-mejda taghhom u wara li Marvin lil Dimech qalli li lil huh ma kellux ghalfejn “jaghmillu hekk” (a fol. 86), b’referenza ghall-ghlieda li Dimech kellu ma l-gharbi, Marvin faqqalu tazza go wiccu u “pattijielu” Joseph “lil Brian…..” tah daqqa ta’ flixkun” (fol. 86).

Xhud iehor Charles Mizzi kien kemmxejn reticenti biex jixhed.  Pero dana kollu si spjega mill-fatt li hu cioe` ix-xhud ukoll minn Hal-Luqa bhall-akkuzati, jaghom u gieli tkellmu fuq il-fatt li kellu l-Qorti. Wara hafna tlaqlieq dehed li wara li nqalghet glieda, dejjem fil-bar tal-bocci, ra lil Brian hiereg il-barra u lil Marvin u lil Joseph hergin warajh (a fol.98).  Ra farret f’wicc Brian.

Qal ukoll li Joseph Bezzina meta talaq Brian tah daqqa t’ ponnu qallu “iggibx zibel mieghek hawn Hal-Luqa” (a

fol.99). Dan tenut kont tal-fatt li la Brian u lanqas Anne Marrie ma huma minn Hal-Luqa.

Bit-tqanzih kbir Mizzi xehed ukoll illi ra lil Brian hiereg wara li nqala panic, ra xi tazzijtiru, qal ukoll li t-tazza kienet f'idejn Marvin. Jghid ukoll li Marvin tefa t-tazza pero ma jafx "as sucjh" (fol. 107) nesa.

Rat ukoll ir-rapport t' l-espert mediku Dr. Mario Scerrri, b'mod partikolari il-konkluzjonijiet tieghu u r-ritratti hemm inkluzi.

Ikkonsidrat,

Illi din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju dwar il-fatt li kienu l-ahwa Bezzina ko-akkuzati li kkagunaw dawn il-feriti fuq Brian Dimech.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat il-Fedina Penali ta' l-imputati li hija ghal kollox netta, per oil-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt li l-imputati donnom jahsbu li Hal-Luqa huwa taghhom, u bl-attitudni negattiva taghhom xejn ma ghamlu unur lil dan ir-Rahal li huma riedu jipprotegu minn Brian Dimech. Xejn fil-fatt bl-imgieba taghhom ma ghamlu unur lir-Rahal ta' Hal-Luqa.

Konsiderando dak premess wara li rat l-imsemmija artikoli qieset il-gravita tal-kaz qeghda tikkundanna lil Joseph Bezzina u Marvin Bezzina ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba snin u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------